A.L. 5 tal-2026

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2026 dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet u Infrastrutturi Kritiċi (Identifikazzjoni, Ħatra u Protezzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Ministru responsabbli għar-reżiljenza ta' entitajiet u infrastrutturi kritiċi, għamel dan l-ordni li ġej:-

TAQSIMA I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Titolu, għan, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet u Infrastrutturi Kritiċi (Identifikazzjoni, Ħatra u Protezzjoni).

(2) L-għan ta' dan l-ordni huwa li jittrasponi d-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE. Dan l-ordni:

(a) jistabbilixxi l-obbligi nazzjonali li jittieħdu miżuri speċifiċi bil-għan li jiżguraw li s-servizzi li huma essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet essenzjali tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiġu pprovduti mingħajr tfixkil fis-suq intern, b'mod partikolari l-obbligi li jiġu identifikati l-entitajiet kritiċi u li jiġu appoġġati sabiex jissodisfaw l-obbligi imposti fuqhom;

(b) jistabbilixxi obbligi fuq l-entitajiet kritiċi bil-għan li jsaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi kif imsemmi fil-paragrafu (a) fis-suq intern;

(ċ) jistabbilixxi regoli:

(i) dwar is-superviżjoni ta' entitajiet kritiċi;

(ii) dwar l-infurzar;

(iii) għall-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari u dwar missjonijiet

konsultattivi sabiex jiġu vvalutati l-miżuri li tali entitajiet ikunu stabbilixxew sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont it-Taqsima III;

(d) jistabbilixxi proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u r-rappurtar dwar l-applikazzjoni ta' dan l-ordni;

(e) jistabbilixxi miżuri bil-għan li jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza tal-entitajiet kritiċi sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi essenzjali fl-Unjoni u sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

(3) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għar-reżiljenza ta' entitajiet u infrastrutturi kritiċi u l-infrastruttura kritika jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-ordni.

L.S. 460.41.

(4) Bla ħsara għall-artikolu 9, dan l-ordni ma għandux japplika għal kwistjonijiet koperti mill-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta). Fid-dawl tar-relazzjoni bejn is-sigurtà fiżika u ċ-ċibersigurtà ta' entitajiet kritiċi, id-Dipartiment tas-CIP, u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li dan l-ordni u l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta) ikunu qed jiġu implimentati b'mod koordinat.

(5) Fejn id-dispożizzjonijiet ta' atti legali tal-Unjoni speċifiċi għas-settur jirrikjedu li l-entitajiet kritiċi jieħdu miżuri sabiex isaħħu r-reżiljenza tagħhom u fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu rikonoxxuti mid-Dipartiment tas-CIP u mill-awtoritajiet kompetenti maħtura, bħala tal-anqas ekwivalenti għall-obbligi korrispondenti stabbiliti f'dan l-ordni, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-ordni, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni u l-infurzar stabbiliti fil-Taqsima VI ma għandhomx japplikaw.

(6) Bla ħsara għall-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-informazzjoni li hija kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, bħal regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, għandha tiġi skambjata mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet rilevanti oħra f'konformità ma' dan l-ordni unikament meta tali skambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan l-ordni. L-informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li huwa rilevanti u proporzjonat għall-fini ta' tali skambju. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jħares il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u s-sigurtà u l-interessi kummerċjali tal-entitajiet kritiċi, filwaqt li jirrispetta s-sigurtà nazzjonali.

(7) Dan l-ordni huwa bla ħsara għar-responsabbiltà nazzjonali għas-salvagwardja tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali u s-setgħa tagħhom li jissalvagwardjaw funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat, inkluż l-aċċertazzjoni tal-integrità territorjali tal-Istat u ż-żamma tal-liġi u l-ordni.

(8) Dan l-ordni ma japplikax għall-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tas-sigurtà pubblika, tad-difiża jew tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, u lanqas ma taffettwa l-kompetenza ta' kwalunkwe entità tal-amministrazzjoni pubblika f'termini ta' salvagwardja ta' funzjonijiet nazzjonali essenzjali oħra, b'mod partikolari dwar is-sigurtà pubblika, l-integrità territorjali u ż-żamma tal-liġi u l-ordni.

(9) L-entitajiet kritiċi li jwettqu attivitajiet fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tas-sigurtà pubblika, tad-difiża jew l-infurzar tal-liġi, inklużi l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew li jipprovdu servizzi esklussivament lill-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika msemmija fis-subartikolu (4), jistgħu jkunu eżentati mill-artikolu 10 u mit-Taqsimiet III, IV u V, permezz ta' istruzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tas-CIP.

(10) L-obbligi stipulati f'dan l-ordni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża.

(11) Dan l-ordni huwa bla ħsara għal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. L.S. 586.01.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"awtoritajiet kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità li tista' minn żmien għal żmien tinħatar għal dan il-għan skont l-artikolu 3(2);

"Dipartiment tas-CIP" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika kif stabbilit skont l-artikolu 3;

"Direttiva (UE) 2022/2555" tfisser id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà

madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS 2);

"Direttiva (UE) 2022/2557" tfisser id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE;

"Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru responsabbli għad-Dipartiment tas-CIP;

"entità kritika" tfisser entità pubblika jew privata li ġiet identifikata minn awtorità kompetenti skont l-artikolu 7 bħala waħda li tappartjeni għal waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Iskeda;

"entità tal-amministrazzjoni pubblika" tfisser entità rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali li ma tinkludix il-ġudikatura, il-Parlament ta' Malta jew il-Bank Ċentrali ta' Malta, li tikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

(a) tkun stabbilita għall-fini speċifiku li tissodisfa l-ħtiġijiet fl-interess ġenerali u ma tkunx ta' natura industrijali jew kummerċjali;

(b) ikollha personalità ġuridika jew tkun intitolata bil-liġi li taġixxi f'isem entità oħra b'personalità ġuridika;

(ċ) tkun iffinanzjata, fil-biċċa l-kbira, mill-awtoritajiet tal-Istat jew minn korpi oħra fil-livell ċentrali rregolati mil-liġi pubblika, tkun soġġetta għal superviżjoni maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew korpi, jew ikollha bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jinħatru mill-awtoritajiet tal-Istat jew minn korpi oħra fil-livell ċentrali rregolati mil-liġi pubblika;

(d) ikollha s-setgħa li tindirizza deċiżjonijiet amministrattivi jew regolatorji lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaffettwaw id-drittijiet tagħhom fil-moviment transfruntier ta' persuni, oġġetti, servizzi jew kapital;

"inċident" tfisser avveniment li għandu l-potenzjal li jfixkel b'mod sinifikanti, jew li jfixkel, il-forniment ta' servizz essenzjali, inkluż meta jaffettwa s-sistemi nazzjonali li jissalvagwardjaw is-saltna tad-dritt;

"infrastruttura kritika" tfisser assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, jew parti minn assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, li huma meħtieġa għall-forniment ta' servizz essenzjali;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi stabbilit skont tal-artikolu 4;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-reżiljenza ta' entitajiet u infrastrutturi kritiċi;

"Regolament (UE) Nru 1025/2012" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Regolament (UE) 2016/679" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"Regolament (UE) 2022/2554" tfisser ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011;

"reżiljenza" tfisser il-kapaċità ta' entità kritika li tipprevjeni, tipproteġi kontra, tirrispondi għal, tirreżisti, timmitiga, tassorbi, takkomoda u tirkupra minn inċident;

"riskju" tfisser il-potenzjal ta' telf jew tfixkil ikkawżat minn inċident u għandu jiġi espress bħala l-kombinament tad-daqs ta' dan it-telf jew tfixkil u l-probabbiltà li jseħħ l-inċident;

"servizz essenzjali" tfisser servizz li huwa kruċjali għaż-żamma ta' funzjonijiet essenzjali tas-soċjetà, attivitajiet

ekonomiċi, saħħa u sikurezza pubblika, jew l-ambjent;

"speċifikazzjoni teknika" tfisser speċifikazzjoni teknika kif imfissra fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

"standard" tfisser standard kif imfisser fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Kap. 490.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"Unjoni" tfisser l-Unjoni Ewropea.

"valutazzjoni tar-riskju" tfisser il-proċess ġenerali sabiex tiġi determinata n-natura u l-firxa ta' riskju billi jiġu identifikati u analizzati theddid, vulnerabbiltajiet u perikli rilevanti potenzjali li jistgħu jwasslu għal inċident u billi jiġi evalwat it-telf jew it-tfixkil potenzjali tal-forniment ta' servizz essenzjali kkawżat minn dak l-inċident.

TAQSIMA II
OQFSA NAZZJONALI DWAR IR-REŻILJENZA TAL-ENTITAJIET KRITIĊI

L-awtoritajiet kompetenti u punt uniku ta' kuntatt.

3. (1) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jkun l-awtorità superviżorja nazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ u l-applikazzjoni ta' dan l-ordni fil-livell nazzjonali u jassigura l-konformità miegħu, billi jimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-ordni u jkopri s-setturi, is-sottosetturi u l-kategoriji ta' entitajiet elenkati fl-Iskeda.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jinħatar bħala l-punt uniku ta' kuntatt sabiex jeżerċita funzjoni ta' kollegament sabiex jiżgura l-kooperazzjoni transfruntiera mal-punti uniċi ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra u mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi stabbilit bl-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2022/2557. Id-Dipartiment tas-CIP għandu jaġixxi wkoll bħala l-punt uniku ta' kuntatt sabiex jeżerċita funzjoni ta' kollegament mal-Kummissjoni u jiżgura l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

(3) Fir-rigward tal-entitajiet kritiċi fis-setturi stabbiliti fil-partiti 3 u 4 tal-Iskeda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fil-prinċipju, ikunu l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2022/2554. Fir-rigward tal-entitajiet kritiċi fis-settur stabbilit fl-Iskeda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fil-prinċipju, ikunu l-awtoritajiet kompetenti skont l-Ordni dwar il-Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta). L.S. 460.41.

(4) L-Iskeda tidentifika l-awtoritajiet kompetenti għal kull settur jew sottosettur u tistabbilixxi b'mod ċar il-kompiti ta' kull awtorità kompetenti kkonċernata. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jikkooperaw b'mod effettiv, taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan l-ordni. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tad-Dipartiment tas-CIP l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa għad-Dipartiment tas-CIP sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-ordni.

(5) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jissottometti, kull sentejn (2), rapport fil-qosor lill-Kummissjoni u lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, dwar in-notifiki li jkun irċieva, inkluż in-numru ta' notifiki, in-natura tal-inċidenti notifikati u l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal-artikolu 22(3).

(6) Id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandu jkollhom is-setgħat u r-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati sabiex iwettqu, b'mod effettiv u effiċjenti, il-kompiti assenjati lilhom.

(7) Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Iskeda għandhom, kull meta jkun xieraq, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, fosthom il-Pulizija, il-Forzi Armati ta' Malta, il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili u ma' entitajiet kritiċi u partijiet interessati rilevanti.

(8) L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Iskeda għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-artikolu 8 tal-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta) dwar ir-riskji ta' ċibersigurtà, theddid ċibernetiku u inċidenti ċibernetiċi u riskji mhux ċibernetiċi, theddid u inċidenti li jaffettwaw entitajiet kritiċi, inkluż fir-rigward tal-miżuri rilevanti li ħadu l-awtoritajiet kompetenti maħtura tagħha u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-artikolu 7 tal-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ- L.S. 460.41. L.S. 460.41.

Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta).

(9) Fi żmien tliet (3) xhur mill-ħatra jew stabbiliment tal-awtoritajiet kompetenti skont dan l-artikolu, l-identità, il-kompiti, ir-responsabbiltajiet, id-dettalji ta' kuntatt, u kwalunkwe bidla sussegwenti fir-rigward tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont dan l-ordni.

Kumitat għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

4. (1) Għandu jkun hemm Kumitat maħtur bħala l-Kumitat għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi magħmul minn tali membri li għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi li jokkupaw pożizzjoni għolja u li jwettqu dmirijiet fil-ministeri responsabbli għal kwistjonijiet relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u l-infrastruttura kif ukoll minn fost l-impjegati li jokkupaw pożizzjoni għolja fl-organizzazzjonijiet l-oħra li għandhom interess ewlieni fil-ġestjoni, it-tmexxija u l-kontroll ta' entitajiet infrastruttura kritiċi f'Malta:

Iżda l-Ministru jista' jaħtar persuni oħra bħala membri tal-kumitat li jidhrilu li għandhom l-esperjenza u li wrew il-kapaċità fi kwistjonijiet relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi:

Iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Iskeda, eskluż id-Dipartiment tas-CIP, jistgħu jaħtru persuna waħda (1) bħala rappreżentant tagħhom fil-kumitat.

(2) Id-Direttur Ġenerali responsabbli għad-Dipartiment tas-CIP għandu jkun il-president tal-Kumitat, id-Direttur ta' dan id-Dipartiment għandu jkun id-deputat president, u rappreżentant ieħor minn dan id-Dipartiment għandu jaġixxi bħala s-segretarju tal-Kumitat. Il-president, il-viċi president u s-segretarju ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot. Il-viċi president għandu jaġixxi minflok il-president kull meta l-president ikun assenti minn laqgħa tal-Kumitat jew ma jkunx jista' jaġixxi bħala president għal kwalunkwe raġuni.

(3) Il-membri maħtura għandhom iżommu l-kariga għal dak it-terminu, li ma għandux ikun għal aktar minn tliet (3) snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(4) Jekk ikun hemm xi post battal fil-kumitat matul il-perjodu tal-ħatra, minħabba mewt, riżenja jew għal xi raġuni oħra, il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr, jaħtar persuna oħra sabiex jimtela l-post battal:

Iżda l-kumitat u l-membri tiegħu jistgħu jaġixxu minkejja kwalunkwe tali post battal.

(5) Minkejja kwalunkwe disposizzjoni oħra f'dan l-artikolu, il-

Ministru jista' f'kull waqt itemm il-ħatra ta' membru maħtur, jekk fl-opinjoni tiegħu tali membru maħtur ma jkunx idoneju sabiex ikompli fil-kariga jew ikun sar inkapaċi li debitament iwettaq il-funzjonijiet tiegħu.

(6) Għandu jkun id-dmir tal-Kumitat b'mod ġenerali li jikkunsidra u jagħti pariri lill-Gvern, lid-Dipartiment tas-CIP u lill-awtoritajiet kompetenti maħtura dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet u l-infrastruttura kritiċi u b'mod partikolari:

(a) li jagħti pariri fir-rigward tal-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' sistema effiċjenti u effettiva ta' reżiljenza f'entitajiet u infrastruttura kritiċi sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan l-ordni;

(b) li jagħti pariri fir-rigward tal-iżvilupp u d-determinazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet; u

(ċ) il-Kumitat għandu joħroġ deċiżjonijiet u jagħti l-parir tiegħu lid-Dipartiment tas-CIP fir-rigward tal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi skont l-artikolu 24.

(7) Il-Kumitat għandu jiltaqa' kemm-il darba jkun meħtieġ u għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

(8) Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni u t-termini ta' referenza tas-sottokumitati jew tal-gruppi ta' esperti li lilhom jista' jiddelega kompiti speċjali.

(9) Bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi identifikati mill-awtoritajiet kompetenti maħtura, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq dawk l-entitajiet kritiċi, il-Kumitat għandu jiżgura li dan l-ordni jiġi applikat b'mod konsistenti. Kwalunkwe awtorità kompetenti maħtura tista' titlob lill-Kumitat sabiex jistudja l-possibbiltà li jiġi żgurat approċċ konverġenti fir-rigward ta' entitajiet kritiċi interkonnessi li jużaw infrastruttura kritika, f'Malta, li hija fiżikament konnessa ma' Stati Membri oħra, jew li jappartjenu għall-istess gruppi jew strutturi korporattivi, jew li ġew identifikati f'Malta u li jipprovdu servizzi essenzjali lil, jew fi Stati Membri oħra.

Strateġija dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi.

5. (1) Id-Dipartiment tas-CIP f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Iskeda, għandu jadotta strateġija nazzjonali għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"istrateġija". L-istrateġija għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni miftuħa, sa fejn ikun prattikament possibbli, mal-partijiet interessati rilevanti u għandha tistabbilixxi l-objettivi

strateġiċi u l-miżuri ta' politika, tibni fuq strateġiji, pjanijiet jew dokumenti simili nazzjonali u settorjali eżistenti rilevanti, bil-ħsieb li jinkiseb u jinżamm livell għoli ta' reżiljenza min-naħa tal-entitajiet kritiċi u li jkopru mill-inqas is-setturi stabbiliti fl-Iskeda.

(2) L-istrateġija għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet għall-finijiet tat-tisħiħ tar-reżiljenza kumplessiva tal-entitajiet kritiċi, li jqisu d-dipendenzi u l-interdipendenzi transfruntiera u transsettorjali;

(b) qafas ta' governanza sabiex jinkisbu l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet, li jinkludu deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet, l-entitajiet kritiċi u partijiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;

(ċ) deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet kritiċi, inkluż deskrizzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-artikolu 6;

(d) deskrizzjoni tal-proċess li bih jiġu identifikati l-entitajiet kritiċi;

(e) deskrizzjoni tal-proċess li jappoġġa l-entitajiet kritiċi f'konformità ma' dan l-ordni, inklużi miżuri sabiex tisaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u s-settur privat u l-entitajiet pubbliċi u privati;

(f) lista tal-awtoritajiet ewlenin u l-partijiet interessati rilevanti, eskluż l-entitajiet kritiċi involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;

(g) qafas ta' politika għal koordinazzjoni bejn id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont dan l-ordni u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-artikolu 7 tal-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta) għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar riskji ta' ċibersigurtà, theddid ċibernetiku u inċidenti ċibernetiċi u riskji mhux ċibernetiċi, theddid u inċidenti u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji;

L.S. 460.41.

(h) deskrizzjoni tal-miżuri diġà fis-seħħ li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi skont il-Taqsima III minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta'

mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u minn intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja skont it-tifsira tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (C/2025/3500) li l-Istat Membru inkwistjoni jkun identifika bħala entitajiet kritiċi.

(3) Wara konsultazzjoni li, sa fejn ikun prattikament possibbli, tkun miftuħa għall-partijiet interessati rilevanti, id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Iskeda għandhom jaġġornaw l-istrateġija mill-anqas kull erba' (4) snin.

(4) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jikkomunika l-istrateġija, u l-aġġornamenti sostanzjali tagħha, lill-Kummissjoni fi żmien tliet (3) xhur mill-adozzjoni tagħhom.

(5) L-istrateġija u l-aġġornamenti sostanzjali tagħha, għandhom jiġu approvati mill-Kabinett qabel ma d-Dipartiment tas-CIP jikkomunika l-istrateġija lill-Kummissjoni u qabel ma l-istrateġija tkun tista' tiġi implimentata mid-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura.

Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali.

6. (1) Id-Dipartiment tas-CIP, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandu jiżgura li l-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali jitwettqu bl-użu tal-lista ta' servizzi essenzjali stabbilita u potenzjalment aġġornata mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien. Id-Dipartiment tas-CIP jew, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali sabiex jidentifikaw l-entitajiet kritiċi skont l-artikolu 7. Id-Dipartiment jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali sabiex jassistu lil tali entitajiet kritiċi fit-teħid ta' miżuri skont l-artikolu 13. Il-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali għandhom jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ u mill-anqas kull erba' (4) snin:

Iżda l-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom iqisu r-riskji rilevanti, naturali u kkawżati mill-bniedem, inklużi dawk ta' natura transsettorjali jew transfruntiera, l-inċidenti, id-diżastri naturali, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika u t-theddid ibridu jew theddid antagonistiku ieħor, inklużi r-reati terroristiċi kif previst fis-Sub-titolu IV A tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Il-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali għandhom iqisu mill-anqas dan li ġej:

(a) il-valutazzjoni tar-riskju ġenerali mwettqa skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar

Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;

(b) valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti oħra mwettqa f'konformità mar-rekwiżiti tal-atti legali tal-Unjoni rilevanti li huma speċifiċi għas-settur, inklużi r-Regolamenti (UE) 2017/1938 (33) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 u Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE u r-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immaniġjar ta' Riskji ta' Għargħar u r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar;

L.S. 549.167.

L.S. 646.12.

(ċ) ir-riskji rilevanti li jirriżultaw mill-firxa tad-dipendenza tas-setturi stabbiliti fl-Iskeda fuq xulxin, inkluż il-firxa tad-dipendenza fuq entitajiet li jinsabu fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi terzi, u l-impatt li tfixkil sinifikanti f'settur wieħed (1) jista' jkollu fuq setturi oħra, inkluż kwalunkwe riskju sinifikanti għaċ-ċittadini u għas-suq intern:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, id-Dipartiment tas-CIP jew, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, kif xieraq.

(d) kwalunkwe informazzjoni dwar inċidenti notifikati skont l-artikolu 18.

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-elementi rilevanti tal-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija f'dan l-artikolu disponibbli għall-entitajiet kritiċi li huma identifikati skont l-artikolu 7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu l-approvazzjoni mid-Dipartiment tas-CIP qabel id-disseminazzjoni tal-elementi rilevanti tal-valutazzjonijiet tar-riskju. Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta lill-entitajiet kritiċi tassistihom fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom skont l-artikolu 12 u fit-teħid ta' miżuri sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħhom skont l-artikolu 13.

(4) Fi żmien tliet (3) xhur mit-twettiq tal-Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali msemmija f'dan l-artikolu, id-Dipartiment tas-CIP għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti dwar it-tipi ta' riskji identifikati wara u r-riżultati ta' tali valutazzjoni tar-riskju msemmija f'dan l-artikolu, għal kull settur u sottosettur kif stabbilit fl-Iskeda.

Identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi.

7. (1) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-entitajiet kritiċi għas-setturi u s-sottosetturi, stabbiliti fl-Iskeda, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(2) Meta l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw entitajiet kritiċi skont is-subartikolu (1), huma għandhom iqisu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju u l-istrateġija msemmija fl-artikoli 5 u 6 u għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin:

(a) l-entità tipprovdi servizz essenzjali wieħed (1) jew aktar;

(b) l-entità topera u l-infrastruttura kritika tagħha tinsab fit-territorju ta' Malta; u

(ċ) inċident ikollu effetti ta' tfixkil sinifikanti, kif determinat skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 8, fuq il-forniment mill-entità ta' servizzi essenzjali wieħed (1) jew aktar jew fuq il-forniment ta' servizzi essenzjali oħra fis-setturi stabbiliti fl-Iskeda li jiddependu fuq dak jew dawk is-servizzi essenzjali.

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu lista tal-entitajiet kritiċi identifikati skont is-subartikoli (1) u (2) u jiżguraw li tali entitajiet kritiċi jiġu nnotifikati li huma ġew identifikati bħala entitajiet kritiċi fi żmien xahar (1) minn dik l-identifikazzjoni. Meta jinnotifikaw lill-entitajiet kritiċi, l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP. Dan id-Dipartiment għandu jżomm lista nazzjonali ta' entitajiet kritiċi identifikati mill-awtoritajiet kompetenti:

Iżda l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinfurmaw lil tali entitajiet kritiċi dwar l-obbligi tagħhom skont it-Taqsimiet III, IV u V u d-data minn meta dawk l-obbligi japplikaw għalihom, bla ħsara għall-artikolu 8. Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinfurmaw lill-entitajiet kritiċi fis-setturi stabbiliti fl-Iskeda li ma għandhom l-ebda obbligu skont it-Taqsimiet III, IV u V, sakemm il-miżuri nazzjonali ma jipprovdux mod ieħor. Meta jinnotifikaw lill-entitajiet kritiċi, l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP:

Iżda wkoll għall-entitajiet kritiċi kkonċernati, it-Taqsima III għandha tapplika wara għaxar (10) xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu.

L.S. 460.41.

(4) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-artikolu 7 tal-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta), dwar l-identità tal-entitajiet kritiċi li jkunu identifikaw skont dan l-artikolu fi żmien xahar (1) minn tali identifikazzjoni. Dik in-notifika għandha tispeċifika, fejn applikabbli, li l-entitajiet kritiċi kkonċernati huma entitajiet fis-setturi stabbiliti fl-Iskeda u ma għandhom l-ebda obbligu skont it-Taqsimiet III, IV u V. Meta jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta), dwar l-identità tal-entitajiet kritiċi, l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP.

(5) L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn meħtieġ u fi kwalunkwe każ mill-anqas kull erba' (4) snin, jeżaminaw mill-ġdid u fejn xieraq, jaġġornaw il-lista ta' entitajiet kritiċi identifikati msemmija fis-subartikolu (3). Fejn dawk l-aġġornamenti jwasslu għall-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi addizzjonali, is-subartikoli (3) u (4) għandhom japplikaw għal tali entitajiet kritiċi addizzjonali. Barra minn hekk, huma għandhom jiżguraw li l-entitajiet li ma jkunux għadhom identifikati bħala entitajiet kritiċi wara kwalunkwe tali aġġornament jiġu nnotifikati fi żmien debitu bil-fatt li ma għadhomx soġġetti għall-obbligi skont it-Taqsimiet III, IV u V mid-data tal-wasla ta' tali notifika. Meta jinnotifikaw entitajiet kritiċi addizzjonali jew meta jinnotifikaw entitajiet kritiċi li ma għadhomx identifikati bħala entitajiet kritiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP li għandu jaġġorna l-lista nazzjonali ta' entitajiet kritiċi.

Effett ta' tfixkil sinifikanti.

8. (1) Meta jiġi ddeterminat is-sinifikat ta' effett ta' tfixkil kif imsemmi fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

(a) in-numru ta' utenti li jiddependu fuq is-servizz essenzjali pprovdut mill-entità kkonċernata;

(b) il-punt sa fejn setturi u sottosetturi oħra kif stabbiliti fl-Iskeda jiddependu fuq is-servizz essenzjali inkwistjoni;

(ċ) l-impatt li l-inċidenti jista' jkollhom, f'termini ta' grad u tul ta' żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u soċjali, l-ambjent, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika, jew is-saħħa tal-popolazzjoni;

(d) is-sehem mis-suq tal-entità fis-suq tas-servizz essenzjali jew is-servizzi essenzjali kkonċernati;

(e) iż-żona ġeografika li tista' tiġi affettwata minn inċident, inkluż kwalunkwe impatt transfruntier, filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà assoċjata mal-grad ta' iżolament ta' ċerti tipi ta' żoni ġeografiċi, bħal reġjuni insulari jew reġjuni mbiegħda;

(f) l-importanza tal-entità sabiex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz essenzjali, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' tali servizz essenzjali.

(2) Wara l-identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed:

(a) lista ta' servizzi essenzjali f'Malta fejn hemm kwalunkwe servizzi essenzjali addizzjonali meta mqabbla mal-lista ta' servizzi essenzjali msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 7;

(b) in-numru ta' entitajiet kritiċi identifikati għal kull settur u sottosettur stabbiliti fl-Iskeda għal kull servizz essenzjali;

(ċ) kwalunkwe limitu applikat sabiex jiġi speċifikat wieħed (1) jew aktar mill-kriterji fis-subartikolu (1). Il-limiti jistgħu jiġu ppreżentati bħala tali jew f'forma aggregata.

(3) Id-Dipartiment tas-CIP għandu sussegwentement jissottometti l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) kull meta jkun meħtieġ u mill-inqas kull erba' (4) snin.

Entitajiet kritiċi fis-setturi bankarji, tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-infrastruttura diġitali.

9. Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-artikolu 13 u t-Taqsimiet III, IV u V ma japplikawx għal entitajiet kritiċi li huma identifikaw fis-setturi stabbiliti fl-Iskeda kemm-il darba dawn l-entitajiet kritiċi huma diġà soġġetti għal mill-anqas miżuri ekwivalenti bis-saħħa ta' liġi nazzjonali oħra:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Ministru sabiex jadotta jew iżomm dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali sabiex jinkiseb livell ogħla ta' reżiljenza għal tali entitajiet kritiċi, sakemm dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu konformi mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

Appoġġ lill-entitajiet kritiċi.

10. (1) Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jappoġġjaw lill-entitajiet kritiċi fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom. Tali appoġġ jista' jinkludi l-iżvilupp ta' materjali

ta' gwida u metodoloġiji, l-appoġġ għall-organizzazzjoni ta' eżerċizzji sabiex tiġi ttestjata r-reżiljenza tagħhom u pariri u taħriġ mogħtija lill-persunal tal-entitajiet kritiċi. Bla ħsara għal-liġijiet applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, id-Dipartiment tas-CIP jew, l-awtoritajiet kompetenti maħtura jistgħu jirrakkomandaw riżorsi finanzjarji lill-entitajiet kritiċi, fejn meħtieġ u ġġustifikat minn objettivi ta' interess pubbliku u minn ċirkostanzi nazzjonali:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru għall-appoġġ ta' riżorsi finanzjarji għal entitajiet kritiċi, b'konsultazzjoni mal-Ministru u l-Ministru responsabbli għas-settur, is-sottosettur jew it-tip ta' entità fl-Iskeda. L-appoġġ finanzjarju għandu jkun bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fit-TFUE:

Iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP meta jingħata appoġġ lill-entitajiet kritiċi.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni u prattiki tajbin ma' entitajiet kritiċi tas-setturi stabbiliti fl-Iskeda.

(3) Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiffaċilitaw il-kondiviżjoni volontarja ta' informazzjoni bejn l-entitajiet kritiċi fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn dan l-ordni, skont il-liġi tal-Unjoni dwar informazzjoni klassifikata u sensittiva, il-kompetizzjoni u l-protezzjoni ta' data personali u l-liġi nazzjonali, inklużi iżda mhux limitatament għall-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 50.
Kap. 379.
Kap. 586.

(4) Fejn meħtieġ u ġġustifikat minn objettivi ta' interess pubbliku, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiffaċilitaw il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-entitajiet kritiċi.

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

11. (1) Fejn xieraq, id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jikkonsultaw mal-awtoritajiet kompetenti oħra fi Stati Membri oħra fir-rigward ta' entitajiet kritiċi bil-għan li jiġi żgurat li dan l-ordni jiġi applikat b'mod konsistenti. Meta jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet kompetenti maħtura f'Malta għandhom jinnotifikaw ukoll lid-Dipartiment tas-CIP. Tali konsultazzjonijiet għandhom isiru fir-rigward ta' entitajiet kritiċi li:

(a) jużaw infrastruttura kritika li tkun fiżikament

konnessa bejn żewġ (2) Stati Membri jew aktar;

(b) huma parti minn strutturi korporattivi relatati ma', jew li huma marbuta ma' entitajiet kritiċi fi Stati Membri oħra;

(ċ) ikunu ġew identifikati bħala entitajiet kritiċi fi Stat Membru wieħed (1) u jipprovdu servizzi essenzjali lil,jew fi Stati Membri oħra.

(2) Il-konsultazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) għandu jkollhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u fejn possibbli, inaqqsu l-piż amministrattiv minn fuqhom.

TAQSIMA III
REŻILJENZA TA' ENTITAJIET KRITIĊI

Valutazzjoni tar-riskju ta' entitajiet kritiċi.

12. (1) Minkejja l-iskadenza stabbilita fl-artikolu 7(3), id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jwettqu valutazzjoni tar-riskju fi żmien disa' (9) xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-artikolu 7(3), kull fejn meħtieġ sussegwentement, u mill-anqas kull erba' (4) snin, abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali u sorsi rilevanti oħra ta' informazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati r-riskji kollha rilevanti li jistgħu jfixklu l-forniment tas-servizzi essenzjali tagħhom (valutazzjoni tar-riskju tal-entità kritika).

(2) Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-entità kritika għandhom iqisu r-riskji rilevanti kollha naturali u kkawżati mill-bniedem li jistgħu jwasslu għal inċident, inklużi dawk ta' natura transsettorjali jew transfruntiera, l-inċidenti, id-diżastri naturali, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika u t-theddid ibridu u theddid antagonistiku ieħor, inklużi r-reati terroristiċi kif provdut fis-Sub-titolu IV A tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Valutazzjoni tar-riskju ta' entità kritika għandha tqis il-punt sa fejn setturi oħra kif stabbiliti fl-Iskeda jiddependu fuq is-servizz essenzjali pprovdut mill-entità kritika u l-punt sa fejn tali entità kritika tiddependi fuq servizzi essenzjali pprovduti minn entitajiet oħra f'setturi oħra bħal dawn, inklużi, fejn rilevanti, fi Stati Membri u pajjiżi terzi: Kap. 9.

Iżda fejn entità kritika tkun wettqet valutazzjonijiet tar-riskju oħra jew tkun ħejjiet dokumenti skont l-obbligi stabbiliti f'atti legali oħra li jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-entità kritika tagħha, hija tista' tuża tali valutazzjonijiet u dokumenti sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll meta jeżerċitaw il-funzjonijiet superviżorji tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddikjaraw valutazzjoni tar-riskju eżistenti mwettqa minn entità kritika li tindirizza r-riskji u l-

punt sa fejn id-dipendenza msemmija fl-ewwel provisos tikkonforma, kompletament jew parzjalment, mal-obbligi skont dan l-artikolu.

Miżuri ta' reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.

13. (1) Id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jieħdu l-miżuri tekniċi, ta' sigurtà u organizzattivi xierqa u proporzjonati sabiex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom, abbażi tal-informazzjoni rilevanti pprovduta minn Malta dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali u fuq l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-entità kritika, inklużi l-miżuri meħtieġa sabiex:

(a) jipprevjenu inċidenti milli jseħħu, filwaqt li debitament jitqies it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-miżuri ta' adattament għall-klima;

(b) jiżguraw protezzjoni fiżika adegwata tal-bini u l-infrastruttura kritika tagħhom, filwaqt li debitament iqisu, pereżempju, iċ-ċnut, l-ostakli, l-għodod u r-rutini ta' monitoraġġ tal-perimetru, it-tagħmir ta' detezzjoni u l-kontrolli tal-aċċess;

(ċ) jirrispondu għal, jirreżistu u jimmitigaw il-konsegwenzi tal-inċidenti, filwaqt li debitament iqisu l-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-protokolli tal-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet u r-rutini ta' twissija;

(d) jirkupraw minn inċidenti, filwaqt li debitament iqisu l-miżuri ta' kontinwità tan-negozju u l-identifikazzjoni ta' ktajjen tal-provvista alternattivi, sabiex jiżguraw kontinwità fil-forniment tas-servizz essenzjali;

(e) jiżguraw l-ġestjoni adegwata tas-sigurtà tal-impjegati, filwaqt li debitament iqisu miżuri, inkluż l-istabbiliment ta' kategoriji ta' persunal li jeżerċita funzjonijiet kritiċi, l-istabbiliment ta' drittijiet ta' aċċess għall-bini, l-infrastruttura kritika u l-informazzjoni sensittiva, l-istabbiliment ta' proċeduri għal verifiki tal-isfond skont l-artikolu 15 u jaħtru l-kategoriji ta' persuni li huma meħtieġa li jgħaddu minn tali verifiki tal-isfond, u jistabbilixxu rekwiżiti xierqa tat-taħriġ u tal-kwalifiki:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jqisu l-persunal tal-fornituri tas-servizzi esterni meta jistabbilixxu kategoriji ta' persunal li jeżerċitaw funzjonijiet kritiċi.

(f) iqajjmu kuxjenza dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) fost il-persunal rilevanti, filwaqt li debitament

iqisu l-korsijiet ta' taħriġ, il-materjali ta' informazzjoni u l-eżerċizzji.

(2) L-entitajiet kritiċi għandhom jiżviluppaw u jżommu aġġornati pjan ta' reżiljenza jew dokumenti ekwivalenti li jiddeskrivu l-miżuri meħuda skont is-subartikolu (1). Il-pjan jew id-dokumenti ekwivalenti għandhom jinkludu miżuri interni ta' kontroll tal-kwalità li jiddeskrivu kif il-konformità mal-pjan għandha tiġi sorveljata mill-entitajiet kritiċi. Il-pjan jew id-dokument jew id-dokumenti ekwivalenti għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti maħtura, li jistgħu jew japprovawh jew jordnaw lill-entità kritika sabiex tagħmel kwalunkwe emenda meħtieġa. Ladarba jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti maħtura, l-entitajiet għandhom jiżguraw li l-miżuri kollha deskritti fil-pjan jiġu implimentati bis-sħiħ. Kopja tal-pjan flimkien mal-ittra ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiġu sottomessi lid-Dipartiment tas-CIP mill-entitajiet kritiċi:

Iżda meta l-entitajiet kritiċi jkunu ħejjew dokumenti jew ikunu ħadu miżuri skont l-obbligi stabbiliti f'atti legali oħra li huma rilevanti għall-miżuri msemmija fis-subartikolu (1), huma jistgħu jużaw tali dokumenti u miżuri sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-artikolu. Meta jeżerċitaw il-funzjonijiet superviżorji tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddikjaraw miżuri eżistenti għat-tisħiħ tar-reżiljenza meħuda minn entità kritika li jindirizzaw, b'mod xieraq u proporzjonat, il-miżuri tekniċi, ta' sigurtà u organizzattivi msemmija fis-subartikolu (1) bħala konformi, kompletament jew parzjalment, mal-obbligi skont dan l-artikolu.

(3) L-entitajiet kritiċi għandhom jaħtru mill-inqas uffiċjal wieħed (1) ta' kollegament tas-sigurtà (SLO) jew ekwivalenti u jinfurmaw lid-Dipartiment tas-CIP u lill-awtoritajiet kompetenti maħtura. L-uffiċjal ta' kollegament tas-sigurtà (SLO) jew ekwivalenti għandu jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt mad-Dipartiment tas-CIP u mal-awtoritajiet kompetenti maħtura. L-uffiċjal ta' kollegament tas-sigurtà għandu jiżgura li l-miżuri deskritti fil-pjan ta' resiljenza jew fid-dokument jew dokumenti ekwivalenti jiġu implimentati bis-sħiħ. L-uffiċjal ta' kollegament tas-sigurtà għandu jiżgura li l-attivitajiet interni ta' kontroll tal-kwalità jitwettqu b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità mal-pjan ta' resiljenza jew mad-dokument jew dokumenti ekwivalenti.

Missjoni konsultattiva.

14. (1) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtorità kompetenti maħtura li tkun identifikat entità bħala l-entità kritika u bil-qbil ma' tali entità kritika, jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex torganizza missjonijiet konsultattivi, f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti f'dan l-ordni, sabiex tagħti pariri lill-entità kritika kkonċernata sabiex

tissodisfa l-obbligi tagħha skont din it-Taqsima. Il-missjoni konsultattiva għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni u lill-entità kritika kkonċernata.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtorità kompetenti maħtura li tkun identifikat entità bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew skont l-artikolu 20(1), jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex torganizza missjoni konsultattiva u għandu jkollha aċċess għall-miżuri li dik l-entità kritika tkun stabbilixxiet sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont din it-Taqsima:

Iżda fil-każijiet fejn is-servizz essenzjali jiġi offrut f'Malta, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura u bi qbil mal-Istat Membru fejn l-entità kritika tkun ġiet identifikata bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari skont l-artikolu 20(1), jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex torganizza missjoni konsultattiva, kif imsemmi fis-subartikolu (5):

Iżda wkoll id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura li jkunu identifikaw entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari bħala entità kritika skont l-artikolu 21(1), għandhom, fuq talba motivata mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru wieħed (1) jew aktar, jipprovdu dan li ġej:

(a) il-partijiet rilevanti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-entità kritika;

(b) lista tal-miżuri rilevanti meħuda skont l-artikolu 13;

(ċ) azzjonijiet superviżorji jew ta' infurzar, inklużi valutazzjonijiet tal-konformità jew ordnijiet maħruġa, li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu wettqu skont it-Taqsima V fir-rigward ta' tali entità kritika:

Iżda f'każijiet fejn is-servizz essenzjali jiġi offrut f'Malta, id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom janalizzaw ir-rapport bis-sejbiet sottomess mill-missjoni konsultattiva u, fejn meħtieġ, għandhom jagħtu parir lill-Kummissjoni dwar jekk l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari kkonċernata tikkonformax mal-obbligi tagħha skont din it-Taqsima u, fejn xieraq, dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex tittejjeb ir-reżiljenza ta' tali entità kritika:

Iżda wkoll id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura li jkunu identifikaw entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari bħala entità kritika skont l-artikolu 20(1), għandhom jiżguraw li l-entità kritika kkonċernata tqis l-

opinjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) u tipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li lilhom jew li fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali dwar il-miżuri li tkun ħadet skont dik l-opinjoni.

(3) Meta s-servizz essenzjali jiġi offrut f'Malta jew l-entità kritika ta' sinifikat partikolari Ewropew tkun tinsab f'Malta, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura jistgħu jipproponu kandidati sabiex ikunu parti minn missjoni konsultattiva:

Iżda kull meta jkun meħtieġ, il-membri tal-missjoni konsultattiva għandu jkollhom approvazzjoni ta' sigurtà valida u xierqa. Il-Kummissjoni għandha tħallas l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni f'missjonijiet konsultattivi.

(4) Id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari jipprovdu missjonijiet konsultattivi b'aċċess għall-informazzjoni, għas-sistemi u għall-faċilitajiet relatati mal-forniment tas-servizzi essenzjali tagħhom meħtieġa sabiex titwettaq il-missjoni konsultattiva kkonċernata.

(5) Il-missjonijiet konsultattivi mwettqa f'Malta għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli u fir-rigward tar-responsabbiltà għas-sigurtà nazzjonali u l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali, inklużi iżda mhux limitatament għall-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 50.
Kap. 379.
Kap. 586.

15. (1) L-entitajiet kritiċi għandhom iwettqu verifiki tal-isfond fuq persuni li:

Verifiki tal-isfond.

(a) ikollhom rwoli sensittivi fl-entità kritika jew għall-benefiċċju tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tar-reżiljenza tal-entità kritika;

(b) huma awtorizzati li jkollhom aċċess dirett jew remot għall-bini, għall-informazzjoni jew għas-sistemi ta' kontroll tagħhom, inkluż b'rabta mas-sigurtà tal-entità kritika;

(ċ) ikunu qegħdin jitqiesu għal reklutaġġ għal pożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu (a) jew (b).

(2) Sabiex iwettqu verifiki tal-isfond fuq persuni, il-korpi maniġerjali ta' entitajiet kritiċi għandhom:

(a) jistabbilixxu l-identità tal-persuna abbażi ta' evidenza

dokumentata;

(b) jiġbru u jivverifikaw ir-rekords kriminali tal-persuna fl-istati kollha ta' residenza matul mill-anqas il-ħames (5) snin preċedenti. "Stat ta' residenza" għandu jkun kwalunkwe pajjiż li fih il-persuna tkun ilha residenti kontinwament għal mill-anqas sitt (6) xhur:

Iżda meta jwettqu verifiki tal-isfond, il-korpi maniġerjali tal-entitajiet kritiċi għandhom jużaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali skont il-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali u, fejn rilevanti u applikabbli, fir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 għall-fini li jiksbu l-informazzjoni minn rekords kriminali minn Stati Membri oħra. L-awtoritajiet ċentrali msemmija fl-artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI u fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2019/816, għandhom jipprovdu tweġibiet għal talbiet għal tali informazzjoni fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data li fiha tkun ġiet riċevuta t-talba skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

(3) Il-korpi maniġerjali ta' entitajiet kritiċi ma għandhomx jippermettu li persuna jkollha r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali jirriżulta li l-persuna tkun instabet ħatja ta' reat u l-piena mogħtija kienet ta' terminu ta' priġunerija ta' tletin (30) xahar jew aktar, kemm jekk tali terminu ta' priġunerija jkun ġie sospiż jew xort'oħra.

(4) It-talbiet kif imsemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu vvalutati f'perjodu ta' żmien raġonevoli u pproċessati f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u l-liġi rilevanti u applikabbli tal-Unjoni. Il-verifiki tal-isfond għandhom ikunu proporzjonati u strettament limitati għal dak li huwa meħtieġ. Dawn għandhom jitwettqu għall-fini uniku li jiġi evalwat ir-riskju potenzjali għas-sigurtà tal-entità kritika kkonċernata.

Kap. 586.

Perjodi ta' rijabilitazzjoni.

16. (1) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali jirriżulta li l-persuna tkun instabet ħatja ta' reat u l-piena mogħtija kienet ta' terminu ta' priġunerija ta' perjodu ta' bejn tmintax-il (18) xahar u tletin (30) xahar, kemm jekk dak it-terminu ta' priġunerija jkun

ġie sospiż jew xort'oħra, il-persuna tista' tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1) wara l-iskadenza ta' għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza finali fir-rigward ta' tali kundanna.

(2) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali jirriżulta li l-persuna tkun instabet ħatja ta' reat u l-piena mogħtija kienet ta' terminu ta' priġunerija ta' perjodu bejn seba' (7) xhur u sbatax-il (17) xahar, kemm jekk dak it-terminu ta' priġunerija jkun ġie sospiż jew xort'oħra, il-persuna tista' tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1) wara l-iskadenza ta' tmien (8) snin mid-data tas-sentenza finali fir-rigward ta' tali kundanna.

(3) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali jirriżulta li l-persuna tkun instabet ħatja ta' reat u l-piena mogħtija kienet ta' terminu ta' priġunerija ta' sitt (6) xhur jew anqas, kemm jekk dak it-terminu ta' priġunerija jkun ġie sospiż jew xort'oħra, il-persuna tista' tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1) wara l-iskadenza ta' seba' (7) snin mid-data tas-sentenza finali fir-rigward ta' tali kundanna.

(4) Il-perjodi ta' rijabilitazzjoni msemmija fis-subartikoli (1) u (3) għandhom jitnaqqsu bin-nofs fil-każ ta' persuna li kienet taħt l-età ta' tmintax-il (18) sena, fid-data tat-twettiq tar-reat.

(5) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali, jirriżulta li l-persuna tkun instabet ħatja ta' reat iżda l-piena preskritta ma kinitx tinkludi terminu ta' priġunerija, il-persuna għandha titħalla li tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1).

(6) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali, jirriżulta li l-persuna tkun ġiet akkużata bit-twettiq ta' reat iżda ġiet meħlusa, il-persuna għandha titħalla tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1).

Verifika tal-isfond rikorrenti.

17. (1) Il-korpi maniġerjali ta' entitajiet kritiċi għandhom jiġbru mingħand persuni li diġà jokkupaw ir-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1), rekords kriminali f'intervalli speċifiċi li ma jeċċedux is-sentejn (2).

(2) Jekk mill-informazzjoni indikata fir-rekords kriminali, jirriżulta li persuna li diġà tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1) tkun instabet ħatja ta' reat u l-piena mogħtija kienet ta' terminu ta' priġunerija, kemm jekk dak it-terminu ta' priġunerija jkun ġie sospiż jew xort'oħra, il-persuna għandha titneħħa mir-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 15(1):

Iżda l-persuna għandha titħalla tokkupa r-rwoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 16(1) ladarba jkunu għaddew il-

perjodi xierqa ta' rijabilitazzjoni skont l-artikolu 15.

Notifika ta' inċident.

18. (1) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien żejjed, b'inċidenti li jfixklu b'mod sinifikanti jew li għandhom il-potenzjal li jfixklu b'mod sinifikanti l-forniment ta' servizzi essenzjali. Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li, sakemm ma jkunx operattivament impossibbli li jagħmlu dan, l-entitajiet kritiċi jissottomettu notifika inizjali sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa wara li jsiru jafu b'inċident, segwita, fejn rilevanti, b'rapport dettaljat sa mhux aktar tard minn xahar (1) wara. Sabiex jiġi ddeterminat is-sinifikat ta' tfixkil, għandhom jitqiesu l-parametri li ġejjin:

(a) in-numru u l-proporzjon tal-utenti affettwati mit-tfixkil;

(b) it-tul ta' żmien tat-tfixkil;

(ċ) iż-żona ġeografika affettwata mit-tfixkil, filwaqt li jitqis jekk iż-żona hijiex ġeografikament iżolata;

(d) is-setturi affettwati mit-tfixkil tas-servizz essenzjali;

(e) id-dipendenza ta' entità kritika, entitajiet essenzjali, entità importanti fuq it-tfixkil tas-servizzi essenzjali:

Iżda l-korpi maniġerjali tal-entitajiet kritiċi għandhom jissottomettu lid-Dipartiment tas-CIP u lill-awtoritajiet kompetenti maħtura, rapport aktar dettaljat fi żmien tnejn u sebgħin (72) siegħa wara li jsiru jafu b'tali inċident. Tali rapport għandu jinkludi l-miżuri ta' mitigazzjoni attwali li l-entitajiet kritiċi jkunu qegħdin jimplimentaw. Fi żmien xahar (1) mill-inċident, l-entitajiet kritiċi għandhom jipprovdu rapport finali tal-inċident li jinkludi l-kawża ewlenija suspettata tal-inċident:

Iżda wkoll fejn inċident ikollu jew jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali lil, jew f'sitt (6) Stati Membri jew aktar, id-Dipartiment tas-CIP għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dak l-inċident.

(2) In-notifiki imsemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinkludu kwalunkwe informazzjoni disponibbli meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti maħtura jkunu jistgħu jifhmu n-natura, il-kawża u l-konsegwenzi tal-inċident, inkluża kwalunkwe informazzjoni disponibbli meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat kwalunkwe impatt transfruntier tal-inċident. Tali notifiki ma għandhomx jissoġġettaw lill-

entitajiet kritiċi għal aktar responsabbiltà.

(3) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn entità kritika permezz tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1), id-Dipartiment tas-CIP għandu jinforma lill-punt uniku ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn l-inċident ikollu jew jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-entitajiet kritiċi u l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali lil, jew fi Stat Membru wieħed (1) jew aktar:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP, meta jibgħat u jirċievi informazzjoni skont is-subartikolu (1) għandu, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali, jittratta dik l-informazzjoni b'mod li jirrispetta l-kunfidenzjalità tagħha u jħares is-sigurtà u l-interess kummerċjali tal-entità kritika kkonċernata. Kap. 50.

(4) Mill-aktar fis possibbli wara notifika skont is-subartikolu (1), l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jipprovdu lill-entità kritika konċernata l-informazzjoni rilevanti dwar is-segwitu, inkluża informazzjoni li tista' ssostni r-rispons effettiv ta' tali entità kritika għall-inċident inkwistjoni. Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinfurmaw lill-pubbliku meta jiddeċiedu li huwa fl-interess pubbliku li jagħmlu dan.

(5) Meta jindirizzaw inċidenti li jirriżultaw fi ksur ta' data personali, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u l-leġiżlazzjoni sussidjarja rilevanti u bla ħsara għall-kompetenza u l-kompiti tal-Kummissarju taħt dik il-leġiżlazzjoni. Kap. 586.

19. Sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni konverġenti ta' dan l-ordni, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom, fejn ikun utli u mingħajr ma jimponu jew jiddiskriminaw favur l-użu ta' tip partikolari ta' teknoloġija, jinkoraġġixxu l-użu ta' standards Ewropej u internazzjonali u speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti għall-miżuri ta' sigurtà u reżiljenza applikabbli għall-entitajiet kritiċi. Standardizzazzjoni.

TAQSIMA IV
ENTITAJIET KRITIĊI TA' SINIFIKAT EWROPEW PARTIKOLARI

20. (1) Entità għandha titqies bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew meta tkun: Identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew.

(a) ġiet identifikata bħala entità kritika skont l-artikolu 7(1);

(b) tipprovdi l-istess servizzi essenzjali jew servizzi essenzjali simili lil, jew f'sitt (6) Stati Membri jew aktar; u

(ċ) ġiet innotifikata skont is-subartikolu (3).

(2) L-entitajiet kritiċi, wara n-notifika skont l-artikolu 7(3), għandhom jinfurmaw lid-Dipartiment tas-CIP, jew lill-awtorità kompetenti maħtura, meta tipprovdi servizzi essenzjali lil jew f'sitt (6) Stati Membri jew aktar. F'tali każijiet, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li l-entità kritika tinfurmahom dwar is-servizzi essenzjali li tipprovdi lill-Istati Membri, jew fihom, kif ukoll l-Istati Membri li lilhom, jew li fihom, tipprovdi tali servizzi essenzjali. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jinfurmaw lid-Dipartiment tas-CIP bil-lista ta' entitajiet kritiċi identifikati ta' sinifikat Ewropew. Id-Dipartiment tas-CIP għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, bl-identità ta' tali entitajiet kritiċi u bl-informazzjoni li huma jipprovdu skont dan is-subartikolu:

Iżda waqt konsultazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, id-Dipartiment tas-CIP għandu jinforma lill-Kummissjoni fejn iqis li s-servizzi pprovduti f'Malta mill-entità kritika huma servizzi essenzjali.

(3) Fejn il-Kummissjoni tinnotifika lid-Dipartiment tas-CIP jew lill-awtoritajiet kompetenti maħtura, li entità ġiet maħtura bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jibagħtu dik in-notifika lill-entità kritika maħtura mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jinfurmawha dwar l-obbligi tagħha skont dan l-ordni u d-data minn meta dawk l-obbligi japplikaw għaliha.

(4) Din it-Taqsima għandha tapplika għall-entità kritika maħtura ta' sinifikat Ewropew ikkonċernata mid-data tal-wasla tan-notifika msemmija fis-subartikolu (3).

TAQSIMA V
SUPERVIŻJONI U INFURZAR

Aspetti ġenerali li jikkonċernaw is-superviżjoni u l-infurzar.

21. (1) Sabiex tiġi vvalutata l-konformità tal-entitajiet identifikati bħala entitajiet kritiċi skont l-obbligi stabbiliti f'dan l-ordni, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandu jkollhom is-setgħat u l-mezzi sabiex:

(a) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post tal-infrastruttura kritika u l-fond li l-entità kritika tuża sabiex tipprovdi s-servizzi essenzjali tagħha u superviżjoni mhux fuq il-post tal-miżuri meħuda mill-entitajiet kritiċi skont l-artikolu 13;

(b) iwettqu jew jordnaw verifiki fir-rigward tal-entitajiet kritiċi.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat u l-mezzi li jeħtieġu li l-entitajiet kritiċi jipprovdu f'limitu ta' żmien raġonevoli stabbilit mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti:

(a) l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi vvalutat jekk il-miżuri meħuda minn dawk l-entitajiet sabiex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 13;

(b) prova tal-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-miżuri, inklużi r-riżultati tal-attivitajiet interni ta' kontroll tal-kwalità. L-attivitajiet interni ta' kontroll tal-kwalità jistgħu jinkludu verifika mwettqa minn awditur indipendenti u kwalifikat magħżul mill-entità kritika rispettiva u mwettqa bi spejjeż tagħha;

(ċ) aċċess għal data, dokumenti u informazzjoni oħra meħtieġa għad-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, sabiex iwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom;

(d) pjan ta' reżiljenza jew dokumenti ekwivalenti:

Iżda meta jkunu jeħtieġu tali informazzjoni, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddikjaraw l-għan tar-rekwiżit u jispeċifikaw l-informazzjoni meħtieġa.

(3) Bla ħsara għall-possibbiltà li jiġu imposti penali amministrattivi, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara l-azzjonijiet superviżorji msemmija fis-subartikolu (1) jew il-valutazzjoni tal-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (2), jordnaw lill-entitajiet kritiċi kkonċernati sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati sabiex jirrimedjaw kwalunkwe ksur identifikat ta' dan l-ordni, f'limitu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dawk l-awtoritajiet u sabiex jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu. Dawk l-ordnijiet għandhom iqisu, b'mod partikolari, is-serjetà tal-ksur.

(4) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-setgħat provduti f'dan l-artikolu jistgħu jiġu biss eżerċitati kif soġġett għal salvagwardji xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiggarantixxu, b'mod partikolari, li tali

eżerċizzju jseħħ b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat u li d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-entitajiet kritiċi milquta, bħall-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u tan-negozju, ikunu salvagwardjati kif xieraq, inkluż id-dritt li jinstemgħu, id-dritt ta' difiża u d-dritt ta' rimedju effettiv quddiem qorti indipendenti.

(5) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jivvalutaw il-konformità ta' entità kritika skont dan l-artikolu, jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta). Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti skont dan l-ordni jkunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta) sabiex jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom fir-rigward ta' entità skont dak l-ordni li tkun ġiet identifikata bħala entità kritika skont dan l-ordni. Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti skont l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta).

L.S. 460.41.

Ksur ta' data personali.

22. (1) Meta d-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura jindunaw waqt is-superviżjoni jew l-infurzar, li l-ksur minn entità kritika tal-obbligi stabbiliti f'dan l-ordni jista' jinvolvi ksur ta' data personali, kif imfisser fl-Artikolu 4(12) tar-Regolament (UE) 2016/679, għandhom mingħajr dewmien żejjed, jinfurmaw lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikoli 33, 55 u 56 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(2) Meta l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* jimponi multa amministrattiva skont it-Taqsima VI tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, ma għandhomx jimponu penali amministrattivi skont l-artikolu 24 għal ksur skont is-subartikolu (1) li jirriżulta mill-istess kondotta li kienet is-suġġett tal-multa amministrattiva taħt it-Taqsima VI tal-imsemmi Att. Id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, jistgħu madanakollu jimponu l-miżuri ta' infurzar provduti fl-artikolu 24.

Kap. 586.

(3) Meta l-awtorità superviżorja kompetenti ma tkunx stabbilita f'Malta skont ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Dipartiment tas-CIP, jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jinfurmaw lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data dwar il-ksur potenzjali ta' data imsemmija fis-subartikolu (1).

Miżuri superviżorji fir-rigward ta' entitajiet kritiċi.

23. (1) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jistabbilixxu, jaġġornaw u jimplimentaw pjan ta' reżiljenza jew dokumenti ekwivalenti. Il-pjan ta' reżiljenza approvat jew id-dokumenti ekwivalenti għandhom jiġu sorveljati u vverifikati regolarment mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom, wara li jwettqu verifika jew attività oħra ta' monitoraġġ tal-konformità fuq entità kritika, iħejju rapport li jiddikjara s-sejbiet.

(3) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikklassifikaw dawn is-sejbiet f'waħda mill-erba' (4) kategoriji li ġejjin:

(a) kompletament konformi;

(b) konformi iżda b'titjib mixtieq;

(ċ) mhux konformi; jew

(d) mhux konformi bi ksur serju.

(4) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu raġunijiet għad-deċiżjoni ta' kif klassifikaw is-sejbiet bħala tali. Ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-entità kritika. In-nuqqas minn entitajiet kritiċi li jissottomettu pjan ta' reżiljenza jew dokumenti ekwivalenti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti maħtura għandu jiġi kklassifikat mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti bħala "mhux konformi bi ksur serju".

(5) Jekk is-sejbiet jiġu kklassifikati mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti bħala "mhux konformi" jew "mhux konformi bi ksur serju", l-entità kritika għandha, fi żmien ġimagħtejn (2) minn meta tirċievi r-rapport, tissottometti pjan ta' azzjoni li fih għandhom jiġu indikati l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu mill-entità kritika sabiex tindirizza l-ksur, inklużi l-iskadenzi meta tali ksur għandu jiġi kompletament rettifikat.

(6) Id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-pjan ta' azzjoni u jistgħu jew japprovawh jew jordnaw lill-entità kritika kkonċernata sabiex tagħmel l-emendi meħtieġa f'perjodu ta' żmien stipulat. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għandha tiġi sorveljata mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti.

(7) Jekk entità kritika tonqos milli tissottometti pjan ta' azzjoni, tonqos milli temenda l-pjan ta' azzjoni kif meħtieġ jew tonqos

milli tikkonforma mal-pjan ta' azzjoni approvat, id-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skont is-severità u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ:

(a) jagħtu pariri jew jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-entità kritika sabiex jispjegaw il-ħtieġa li jiġi rettifikat il-ksur identifikat matul l-attivitajiet ta' monitoraġġ għall-konformità; u, jew

(b) joħorġu twissija formali li biha l-entità kritika tiġi ordnata sabiex tirrettifika minnufih il-ksur tagħha; u, jew

(ċ) jirrapportaw l-ksur lill-Kumitat:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-entità kritika li n-nuqqas ta' rettifika tal-ksur tagħha jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' penali amministrattivi skont dan l-ordni.

Miżuri ta' infurzar fir-rigward tal-entitajiet kritiċi.

24. (1) Il-Kumitat għandu jkollu s-setgħa li jimponi penali amministrattivi fuq kwalunkwe entità kritika rrappurtata mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti, bħala li ma hijiex konformi mal-pjan ta' reżiljenza approvat jew mad-dokumenti ekwivalenti.

(2) Qabel ma jiddeċiedi dwar jekk l-entitajiet kritiċi humiex konformi jew xort'oħra mal-pjan ta' reżiljenza approvat jew mad-dokument jew dokumenti ekwivalenti, il-Kumitat għandu jippermetti lill-entità kritika kkonċernata tipprovdi dokumentazzjoni jew tagħmel sottomissjonijiet kif jidhirlu xieraq.

(3) Il-Kumitat jista', jekk iqis li jkun meħtieġ, jitlob aktar informazzjoni jew dokumentazzjoni mingħand id-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-entità kritika kkonċernata.

(4) Il-Kumitat għandu jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

(5) Kull meta l-Kumitat jiskopri li entità kritika ma tkunx ikkonformat mal-pjan ta' reżiljenza approvat jew mad-dokumenti ekwivalenti u ma tkunx ħadet il-miżuri meħtieġa sabiex tirrimedja l-ksur, għandu jimponi penali amministrattiva. Jekk is-sejbiet jiġu kklassifikati mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti bħala "mhux konformi", il-penali amministrattiva għandha tkun ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500). Jekk is-sejbiet jiġu kklassifikati mid-Dipartiment tas-CIP jew mill-awtoritajiet kompetenti bħala "mhux konformi bi ksur serju", il-penali amministrattiva għandha tkun ta' ħamest elef euro (€5,000).

(6) Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Kumitat għandu jipprovdi perjodu ta' żmien li fih l-entità kritika għandha tħallas il-penali amministrattiva u perjodu ta' żmien li fih l-entità kritika għandha tirrimedja l-ksur tagħha:

Iżda jekk l-entità kritika ma tħallasx il-multa amministrattiva u, jew ma tirrimedjax il-ksur tagħha fil-perjodu ta' żmien stipulat, il-Kumitat għandu jimponi penali amministrattiva ulterjuri daqs il-penali amministrattiva imposta oriġinarjament u, jew penali ta' mitt euro (€100) għal kull jum li matulu n-nuqqas jissussisti. Kwalunkwe penali imposta għal kull jum tista' tiġi datata b'lura għad-data tat-twettiq jew tal-bidu tal-ksur.

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

25. (1) Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kumitat skont dan l-ordni tista' tiġi kkontestata fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tad-deċiżjoni permezz ta' rikors ppreżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

(2) Kwalunkwe parti fl-appell li tħossha aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tista', fuq punt ta' liġi, tappella minn tali deċiżjoni billi tippreżenta rikors lill-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tali rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Kap. 12.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-penali amministrattivi stabbiliti b'dan l-ordni. Kap. 12.

Tħassir u riservi. L.S. 460.24.

26. L-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni) qiegħed b'dan jiġi mħassar:

Iżda kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni, irrispettivament mid-deskrizzjoni tagħhom, meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għandhom jibqgħu jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni) kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni. L.S. 460.24.

Emenda konsegwenzjali. Kap. 490.

27. Fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, minnufih wara l-aħħar partita tal-liġijiet sussidjarji għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Ordni tal-2025 dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet u Infrastrutturi Kritiċi (Identifikazzjoni, Ħatra u Protezzjoni), L.S.460.43, Kompetenza Inferjuri".

B 48

L-ISKEDA

SETTURI, SOTTOSETTURI U KATEGORIJI TA' ENTITAJIET
(artikolu 3)

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-ISKEDA

SETTURI, SOTTOSETTURI U KATEGORIJI TA' ENTITAJIET
(artikolu 3)

Setturi Sottosetturi Kategoriji ta' entitajiet	**Setturi Sottosetturi Kategoriji ta' entitajiet**	**Setturi Sottosetturi Kategoriji ta' entitajiet**	**Awtoritajiet kompetenti**
1. Enerġija	(a) Elettriku	Impriżi tal-elettriku kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (57) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jwettqu l-funzjoni ta' "provvista" kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12) ta' dik id-Direttiva	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (29) tad-Direttiva (UE) 2019/944	
		Operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (35), tad-Direttiva (UE) 2019/944	
		Produtturi kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (38) tad-Direttiva (UE) 2019/944	
		Operaturi nominati tas-suq tal-elettriku maħtura kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	

		Parteċipanti fis-suq kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (25), tar-Regolament (UE) 2019/943 li jipprovdu servizzi ta' aggregazzjoni, ta' rispons għad-domanda jew ta' ħżin tal-enerġija kif imfisser fl-Artikolu 2, il-punti (18), (20) u (59), tad-Direttiva (UE) 2019/944	
	(b) Tisħin u tkessiħ distrettwali	Operaturi tat-tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (19) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
	(ċ) Żejt	Operaturi ta' pipelines għat-trażmissjoni taż-żejt	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Operaturi ta' faċilitajiet tal-produzzjoni, tar-raffinar u tat-trattament, tal-ħżin u t-trażmissjoni taż-żejt	
		Entitajiet ċentrali ta' ħżin kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (f), tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE	
	(d) Gass	Impriżi tal-fornitura kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (8) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (6), tad-Direttiva 2009/73/KE	
		Operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva 2009/73/KE	

		Operaturi tas-sistema tal-ħżin kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (10), tad-Direttiva 2009/73/KE	
		Operaturi tas-sistema tal-LNG kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12), tad-Direttiva 2009/73/KE	
		Impriżi tal-gass naturali kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/73/KE	
		Operaturi ta' faċilitajiet tar-raffinar u t-trattament tal-gass naturali	
	(e) Idroġenu	Operaturi tal-produzzjoni, tal-ħżin u tat-trażmissjoni tal-idroġenu	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
2. Trasport	(a) Ajru	Trasportaturi tal-ajru kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (4), tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 użati għal finijiet kummerċjali	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Korpi ta' tmexxija tal-ajruport kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ajruporti kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1), ta' dik id-Direttiva, inklużi l-ajruporti ewlenin elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, u l-entitajiet li joperaw installazzjonijiet anċillari	

		li jinsabu f'dawk l-ajruporti	
		Operaturi għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (KTA) kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	(b) Ferrovija	Maniġers tal-infrastruttura kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (2), tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	Mhux applikabbli
		Impriżi ferrovjarji kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2012/34/UE u operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (12), ta' dik id-Direttiva	Mhux applikabbli
	(ċ) Ilma	Kumpaniji għat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija fuq l-ilmijiet interni, fuq il-baħar u mal-kosta, kif imfissra fir-rigward tat-trasport marittimu fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 725/2004, li ma jinkludux il-bastimenti individwali operati minn dawk il-kumpaniji	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Korpi ta' tmexxija ta' portijiet kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2005/65/KE, inkluż	

		il-faċilitajiet tal-port tagħhom kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (11), tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, u entitajiet li jwettqu u jħaddmu tagħmir fil-portijiet	
		L-operaturi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti (VTS) imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (o), tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	(d) Toroq	Awtoritajiet tat-toroq kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku, esklużi l-entitajiet pubbliċi li għalihom il-ġestjoni tat-traffiku jew l-operazzjoni ta' sistemi intelliġenti tat-trasport huma parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Operaturi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti kif imfissra fl-Artikolu 4, il-punt (1), tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	(e) Trasport pubbliku	L-operaturi ta' servizz pubbliku kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
3. Settur bankarju		Istituzzjonijiet tal-kreditu kif imfissra fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

4. Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju		Operaturi ta' ċentri ta' negozjar kif imfissra fl-Artikolu 4, il-punt (24), tad-Direttiva 2014/65/UE	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Kontropartijiet ċentrali (CCPs) kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	
5. Saħħa		Fornituri tal-kura tas-saħħa kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (g) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Laboratorji ta' referenza tal-UE kif imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
		Entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali kif imfissra fl-Artikolu 1, il-punt (2), tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
		Entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi kif imfissra fit-taqsima C diviżjoni 21 tan-NACE Rev. 2	
		Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi meqjusa kritiċi waqt emerġenza tas-saħħa pubblika ("lista ta' apparati kritiċi ta' emerġenza tas-saħħa pubblika") fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 22 tar-Regolament	

		(UE) 2022/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
		Entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 79 tad-Direttiva 2001/83/KE	
6. Ilma tax-xorb		Fornituri u distributuri ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1)(a), tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, esklużi d-distributuri li d-distribuzzjoni tagħhom tal-ilma għall-konsum mill-bniedem hi parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali ta' distribuzzjoni ta' komoditajiet u oġġetti oħra	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
7. Ilma mormi		Impriżi li jiġbru, jarmu jew jittrattaw ilma urban mormi, ilma mormi domestiku jew ilma mormi industrijali kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punti (1), (2) u (3), tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, eskluż impriżi li għalihom il-ġbir, ir-rimi jew it-trattament ta' ilma mormi urban, ilma mormi domestiku jew ilma mormi industrijali huwa parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
8. Infrastruttura diġitali		Fornituri ta' punti ta' skambju fuq l-internet	L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA).
		Fornituri ta' servizzi DNS eskluż operaturi ta' root name	

		servers	
		Reġistri tal-ismijiet tad-dominju tal-ogħla livell	
		Fornituri ta' servizzi ta' cloud computing	
		Fornituri ta' servizzi ta' ċentru tad-data	
		Fornituri ta' networks ta' kunsinna tal-kontenut	
		Fornituri ta' servizzi fiduċjarji	
		Fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi	
		Fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament	
9. Amministrazzjoni pubblika		Entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika tal-gvernijiet ċentrali u fil-livell reġjonali kif imfisser mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		Entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jipprovdu servizzi ta' xandir u trażmissjoni, li jipprovdu servizzi essenzjali u ta' emerġenza, inkluži twissijiet ta' sikurezza pubblika, billi joffru xandiriet bir-radju u avviżi ta' emerġenza kemm f'format analogu kif ukoll f'format diġitali.	
10. Spazju		Operaturi ta' infrastruttura bbażata fuq l-art, li huma proprjetà ta', ġestiti u operati mill-Istati Membri jew minn partijiet privati, li jsostnu l-forniment ta' servizzi	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

		bbażati fl-ispazju, eskluży l-forniturі ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (8), tad-Direttiva (UE) 2018/1972	
11. Produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni tal-ikel		Negozji tal-ikel kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (2), tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huma involuti esklussivament fil-loġistika u d-distribuzzjoni bl-ingrossa u l-produzzjoni u l-iproċessar industrijali fuq skala kbira	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.